KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fid-19 ta' Jannar 2017 [1]

Kawża C-436/15

Lietuvos Respublikos aplinkos ministerijos Aplinkos projektų valdymo agentūra
vs
UAB "Alytaus Reġjuno atliekų tvarkymo centras"

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (qorti amministrattiva suprema tal-Litwanja))

"Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Irregolaritajiet fil-każ ta' pagamenti minn fondi tal-Unjoni bbażati fuq strumenti għal politiki strutturali għal Stati qabel l-adeżjoni — Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Terminu ta' preskrizzjoni — Kunċett ta' "programm multiannwali" — Kunċett ta' irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea [2]. Il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob gwida, b'mod partikolari dwar it-tifsira tal-espressjoni "programm multiannwali" fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament. Din tixtieq taċċerta jekk il-finanzjament ta' proġett sabiex tinbena sistema ta' immaniġġjar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus jaqax f'dan il-kunċett u, jekk huwa hekk, kif għandu jopera t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit f'din id-dispożizzjoni.

2. Skont ir-regoli li japplikaw għal għajnuna mill-Fond ta' Koeżjoni u l-miżuri adottati bħala sostenn lil pajjiżi kandidati, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċiżjoni li tapprova assistenza finanzjarja għal dan il-proġett qabel l-adeżjoni tal-Litwanja mal-Unjoni Ewropea. It-talba għal deċiżjoni preliminari saret matul proċeduri bejn Lietuvos Respublikos aplinkos ministerijos Aplinkos projektų valdymo agentūra (aġenzija għat-tmexxija ta' proġetti ambjentali, iktar 'il quddiem l-"AMPA") u UAB "Alytaus regiono atliekų tvarkymo centras", il-kumpannija privata stabbilita sabiex tmexxi ċ-ċentru tal-immaniġġar ta' skart (iktar 'il quddiem il-"kumpannija").

Il-kuntest ġuridiku

Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

3. Waħda mill-funzjonijiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) TUE hija li teżegwixxi l-budget tal-Unjoni Ewropea u li tamministra programmi.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regoalment Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

4. L-Artikolu 312(1) TFUE jgħid, *inter alia*, li l-budget annwali tal-Unjoni għandu jikkonforma mal-qafas finanzjarju multiannwali li jistabbilixxi l-ammonti massimi annwali ("limiti massimi") li jistgħu jintefqu għal politiki differenti ("kapitoli") għal kull sena ta' żmien determinat (bħalissa mill-2014 sal-2020). Il-Fond ta' Koeżjoni stabbilit skont l-Artikolu 177 TFUE jipprevedi kontribuzzjonijiet finanzjarji għal proġetti fis-setturi tal-ambjent u għal netwerks trans-Ewropej relatati ma' infrastruttura tat-trasport [3].

Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

5. L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [4], *inter alia*, jiggarantixxi d-dritt ta' kull persuna li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Regolament Nru 2988/95

6. L-għan globali tar-Regolament Nru 2988/95 huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea kif jiġu stabbiliti fil-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea amministrat mill-Kummissjoni skont il-prinċipju tat-tmexxija finanzjarja serja [5]. F'dan il-kuntest, il-premessi jgħidu li: (i) iktar min-nofs in-nefqa tal-Unjoni titħallas lil benefiċjarji permezz tal-Istati Membri bħala intermedjarji; (ii) atti li jkunu ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ribattuti fl-oqsma kollha, u (iii) skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li riżorsi tal-budget tal-Unjoni Ewropea jintużaw għall-iskop maħsub tagħhom [6].

7. L-Artikolu 1(1) jgħid li sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, ir-regolament jintroduċi regoli ġenerali relatati ma' verifiki omoġenji u miżuri amministrattivi u penalitajiet li jkollhom x'jaqsmu ma' irregolaritajiet fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 1(2) jiddefinixxi "irregolarità" bħala "kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-[Unjoni Ewropea] li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li jkollu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-[budget] ġenerali tal-[Unjoni Ewropea] jew [budgets immexxija minnha], jew billi jnaqqas jew [itellef] id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-[Unjoni Ewropea], jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata".

8. L-Artikolu 3(1) jipprevedi:

"Il-perjodu tal-limnitazzjoni għall-proċeduri għandu jkun ta' erba' snin minn meta l-irregolarità li ssir imsemmija [fl-Artikolu] 1(1) tkun ġiet kommessa. Madankollu, ir-regoli settorjali jistgħu jipprovdu għal perjodu iqsar li ma [għandux] ikun anqas minn tliet snin.

F'każ ta' irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti, it-terminu tal-limitazzjoni għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih tieqaf l-irregolarità. Fil-każ tal-programmi multiannwi, it-terminu tal-limitazzjoni għandu f'kull każ jibqa' jiddekorri sakemm il-programm jitwaqqaf definittivament.

3 — Essenzjalment il-politika tal-Unjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali għandha l-għan, b'mod partikolari, li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea u li tindirizza "ir-ritard ta' dawk [ir-reġjuni] inqas favoriti". Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 174 TFUE.

4 — ĠU 2010 C 83, p. 389 ("il-Karta").

5 — Ara l-ewwel premessa tar-Regolament Nru 2988/95.

6 — Ara t-tieni, it-tielet u t-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 2988/95.

It-terminu tal-[limitazzjoni] għandu jiġi interrott bi kwalsiasi att ta' l-awtorità kompetenti, notifikat lill-persuna in kwestjoni, li jkollha x'taqsam ma' l-investigazzjoni jew proċeduri legali dwar l-irregolarità. It-terminu għandu jibda jiddekorri mill-ġdid wara kull att li jinterrompih.

Madankollu, il-limitazzjoni għandha ssir effettiva mhux aktar tard mill-jum li fih perjodu li jkun id-doppju tal-perjodu tat-terminu jiskadi mingħajr ma l-awtorità kompetenti tkun imponiet penali, ħlief fejn il-proċedura amministrattiva tkun ġiet sospiża skond Artikolu 6(1)."[7]

9. L-Artikolu 3(3) jippermetti lill-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li japplikaw terminu li jkun itwal minn dak ta' erba' snin imsemmi fl-Artikolu 3(1).

Fond ta' Koeżjoni

10. F'Diċembru 2001, meta l-Kummissjoni adottat deċiżjoni li kienet tapprova assistenza finanzjarja għal proġett li kien jistabbilixxi sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus[8], kienu fis-seħħ ir-regoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni[9]. Assistenza finanzjarja għal pajjiżi kandidati kienet irregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-[A]deżjoni.[10]

Regolament Nru 1164/94,

11. Ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 kellu l-għan, *inter alia*, li jiżgura fl-interess tat-tmexxija sewwa tal-Fond ta' Koeżjoni (iktar 'il quddiem il-"Fond") li ssir dispożizzjoni għal metodi effettivi ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u kontroll ta' operazzjonijiet Komunitarji u li tiġi stabbilita l-azzjoni li kellha tittieħed bħala tweġiba għal irregolaritajiet jew nuqqas ta' konformità ma' waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti meta tkun approvata għajnuna minn dan il-Fond[11].

7 — Skont l-Artikolu 6(1), meta Stat Membru jieħu azzjoni fil-każ ta' irregolarità skont ir-regolament, l-imposizzjoni ta' penalitajiet finanzjarji bħal multi amministrattivi tista' tiġi sospiża b'deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti jekk ikunu nbdew proċeduri kriminali kontra l-persuna kkonċernata inkonnessjoni mal-istess fatti. Sospensjoni tal-proċeduri amministrattivi għandha l-effett li tissospendi t-terminu ta' preskrizzjoni li hemm ipprovdut fl-Artikolu 3.

8 — F'dawn il-konklużjonijiet nirreferi għal dan bħala "iż-żmien rilevanti".

9 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94, tas-16 ta' Mejju 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 9). Dan ir-regolament, kif emendat bir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1264/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 73) u (KE) Nru 1265/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 78) applikati għal proġetti li kienu implementati fi Stati Membri fiż-żmien rilevanti. Ir-Regolament Nru 1164/94 kien ġie rrevokat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 tal-11 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, p. 25). Għas-saħħa tal-bon ordni għandi ninnota li r-Regolament Nru 1260/1999 stabbilixxa dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali, jiġifieri il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola, it-Taqsima ta' Gwida u l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd, kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament. Ma hemmx kwistjoni dwar assistenza finanzjarja f'dan il-każ. Ir-regoli tranżitorji tal-Artikolu 105 tar-Regolament Nru 1083/2006 jgħidu li ma taffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika ta' proġetti kkofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament Nru 1164/94.

10 — Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 31, p. 254) kif emendat bir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2382/2001 tal-4 ta' Diċembru 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 39, p. 18) u (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 40, p. 7) kien japplika fiż-żmien rilevanti. Ir-Regolament Nru 1267/1999 kien sussegwentement irrevokat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, p. 82). Ara wkoll il-punti 23 sa 28 iktar 'il quddiem.

11 — Ara s-sebgħa u għoxrin premessa tar-Regolament Nru 1164/94.

12. L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament waqqaf Fond ta' Koeżjoni. L-Artikolu 1(3) jippermetti li l-Fond jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' proġetti jew stadji ta' proġett jew gruppi ta' proġetti marbuta ma' strateġija viżibbli li jiffurmaw ġabra waħda koerenti. Skont l-Artikolu 2(1), il-Fond għandu jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji għal proġetti "[…] fl-oqsma tal-ambjent u r-rettikolati tal-infrastruttura tat-trasport trans-[Ewropew] fi Stati Membri […]". Il-Litwanja saret eliġibbli għal għajnuna mill-Fond mid-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (1 ta' Mejju 2004) sal-31 ta' Diċembru 2006 skont l-Artikolu 2(5).[12]

13. L-Artikolu 3 kien intitolat "Miżuri eliġibbli". Skont l-Artikolu 3(1), proġetti ambjentali li jikkontribwixxu għall-miri tat-Trattat, b'mod partikolari proġetti konformi mal-prijoritajiet mogħtija lill-politika ambjentali Komunitarja bil-Ħames Programm ta' Politika u Azzjoni fir-rigward tal-Ambjent u Żvilupp Sostenibbli, kienu jikkostitwixxu miżuri li fir-rigward tagħhom il-Fond ta' Koeżjoni seta' jagħti assistenza (iktar 'il quddiemi "Miżuri tal-Fond ta' Koeżjoni"). Setgħet tingħata wkoll assistenza finanzjarja għal studji preliminari relatati ma' proġetti eliġibbli u għal miżuri ta' għajnuna teknika, bħal pubbliċità u kampanji ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(2).

14. Skont l-Artikolu 4, riżorsi finanzjarji kellhom jiġu allokati lill-Fond għall-perijodu mill-2000 sal-2006. Proġetti kellhom jiġu approvati skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 10. Proġetti ffinanzjati mill-Fond kellhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Istat Membru benefiċjarju li jkun bagħat l-applikazzjoni għal għajnuna kif kien stabbilit fl-Artikolu 10(1) u (2). Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li kienu approvaw, *inter alia*, proġetti kienu jiddeterminaw l-ammont ta' assistenza finanzjarja u kienu jistabbilixxu l-pjan ta' finanzjament flimkien mad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dawk il-proġetti skont l-Artikolu 10(6). Id-dettalji ewlenin ta' dawn id-deċiżjonijiet kienu jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* skont l-Artikolu 10(7).

15. L-Artikolu 11(1) kien jgħid li l-approprjazzjonijiet ta' voti (jiġifieri wegħdiet vinkolanti legalment sabiex jintefqu flus li ma kellhomx neċessarjament jitħallsu fl-istess sena iżda setgħu jinħarġu tul diversi snin finanzjarji) imdaħħla fil-budget kellhom jingħataw abbażi tad-deċiżjonijiet li kienu japprovaw il-miżuri kkonċernati skont l-Artikolu 10. Assistenza relatata ma' miżuri tal-Fond ta' Koeżjoni kellha, bħala regola ġenerali, tiġi approprjata f'pagamenti annwali. Madankollu, il-Kummissjoni setgħet, f'każijiet xierqa, tapproprja l-ammont totali tal-assistenza mogħtija meta tkun adottat id-deċiżjoni li tagħti l-assistenza [Artikolu 11(2)].

16. Il-kontrolli finanzjarji li l-Istati Membri kellhom jagħmlu kienu stabbiliti fl-Artikolu 12(1). Dawn kienu jinkludu:

"[…]

(d) li jiċċertifikaw li d-dikjarazzjonijiet ippreżentati lill-Kummissjoni huma preċiżi u jiggarantixxu li jirriżultaw minn sistemi ta' żamma ta' kontijiet ibbażati fuq dokumenti ta' appoġġ u li jistgħu jiġu vverifikati;

(e) li jimpedixxu u li jikxfu irregolaritajiet, […]

(f) li jippreżentaw lill-Kummissjoni, meta kull proġett, fażi ta' proġett jew grupp ta' proġetti jiġu mitmuma, dikjarazzjoni miktuba minn persuna jew dipartiment li għandu funzjoni indipendenti minn dik ta' l-awtorità maħtura. […]

12 — L-Artikolu 2(5) iddaħħal fir-Regolament Nru 1164/94 bl-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea ("l-Att ta' Adeżjoni") (ĠU L 236, p. 33).

[…]”

17. L-Artikolu 16a(1) iddaħħal bl-Att ta’ Adeżjoni. Jipprevedi li: “Miżuri li fid-data tal-adeżjoni ta’ […] il-Litwanja […] kienu s-suġġett ta’ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar assistenza skont [ir-Regolament Nru 1267/1999] […] u li l-implementazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data għandhom jitqiesu li jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Sakemm ma jingħadx mod ieħor fil-paragrafi (2) u (5), id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-implementazzjoni ta’ miżuri approvati skont dan ir-regolament għandhom japplikaw għal dawn il-miżuri”.

18. Id-dispożizzjonijiet ta’ implementazzjoni għar-Regolament Nru 1164/94 kienu stabbiliti fl-Anness II, li jikkomprendi sensiela ta’ Artikoli indikati bħala “A” sa “K”. “Proġett” kien iddefinit fl-Artikolu A(2)(a) tal-Anness II bħala “serje ta’ xogħlijiet li ma jistgħux jinqasmu ekonomikament, li għandhom funzjoni teknika preċiża u b’għanijiet identifikati b’mod ċar li wieħed jista’ jiġġudika minnhom jekk il-proġett jissodisfax il-kriterju stabbilit fl-ewwel inċiż [tal-]Artikolu 10(5)” [13].

19. Skont l-Artikolu C(1), voti tal-budget kellhom isiru abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li kienu japprovaw il-miżuri kkonċernati. Voti għal proġetti ambjentali li kellhom isiru tul perijodu ta’ sentejn jew iktar ġeneralment kellhom isiru f’pagamenti annwali. Il-voti fir-rigward tal-ewwel pagament annwali kellhom isiru meta d-deċiżjoni li kienet tagħti assistenza Komunitarja kienet tkun ġiet adottata mill-Kummissjoni. Voti sussegwenti fir-rigward ta’ pagamenti annwali sussegwenti kellhom ikunu bbażati fuq il-pjan finanzjarju inizjali jew rivedut ta’ finanzjament għall-miżura u normalment kellhom isiru fil-bidu ta’ kull sena tal-budget [Artikolu C(2)(a)]. L-arranġamenti għal voti kellhom ikunu speċifikati fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li kienu japprovaw il-miżuri kkonċernati [Artikolu C(4)].

20. Skont l-Artikolu D(1): “Il-pagamenti ta’ assistenza finanzjarja għandhom isiru, skond l-impenji korrispondenti tal-budget, [lill-awtorità nazzjonali kompetenti]. Il-pagamenti jistgħu jieħdu l-forma ta’ pagamenti fuq il-kont, pagamenti interim jew pagamenti fuq il-bilanċ finali. Pagamenti interim u pagamenti fuq il-bilanċ għandhom ikollhom x’jaqsmu ma’ l-infiq fil-fatt imħallas, li għandu jiġi appoġġjat b’fatturi reġistrati jew dokumenti ta’ żamma tal-kontijiet li għandhom l-istess valur probattiv”. Skont l-Artikolu D(2)(d), il-bilanċ finali tal-għajnuna tal-Unjoni maħdum fuq il-bażi tal-infiq iċċertifikat u fil-fatt imħallas kellu jitħallas lill-awtorità nazzjonali kompetenti sakemm ikunu ġew issodisfatti ċerti kundizzjonijiet, inkluż li jkun ġie ppreżentat rapport finali dwar il-proġett lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur minn meta jkun tlesta [skont it-tielet inċiż tal-Artikolu D(2)(d)]. Jekk dan ir-rapport *ma jkunx* intbagħat lill-Kummissjoni fi żmien tmintax-il xahar mid-data finali għat-tmiem tax-xogħlijiet u tal-pagamenti kif mogħti fid-deċiżjoni li tkun tat l-għajnuna, il-fondi li jkunu rrappreżentaw il-bilanċ li jkun baqa’ għall-proġett ikollhom jiġu kkanċellati skont l-Artikolu D(3) [14].

21. L-Artikolu D(5) kien jippermetti li pagament isir lill-awtorità jew lill-korp maħtura mill-Istati Membri, bħala regola ġenerali sa mhux iktar tard minn xahrejn mill-irċevuta ta’ applikazzjoni ammissibbli għal pagament [15].

13 — L-ewwel inċiż tal-Artikolu 10(5) kien stabbilixxa l-kriterju li kellu jkun applikat sabiex jiġi żgurat li l-proġetti li jkunu kisbu l-benefiċċju ta’ assistenza finanzjarja kienu ta’ kwalità għolja.

14 — Id-dokumenti li kellhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu D(2)(d) tal-Anness II kienu: (i) applikazzjoni għal pagament (it-tieni inċiż); (ii) rapport finali (it-tielet inċiż); (iii) dikjarazzjoni ċċertifikata ta’ nfiq (ir-raba’ inċiż); u (iv) dikjarazzjoni ta’ stralċ li tkun tinkludi rapport ta’ stralċ [il-ħames inċiż moqri mal-Artikolu 12(1)(f)]. F’dawn il-konklużjonijiet nagħmel riferiment għal dawn id-dokumenti flimkien bħala “id-dokumenti statutorji”.

15 — Nifhem li l-espressjoni “applikazzjoni ammissibbli għal pagament” imsemmija fl-Artikolu D(5) tfisser applikazzjoni li debitament ikollha magħha d-dokumenti statutorji, b’mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 20 u fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 14 iktar ’il fuq.

22. Awtoritajiet tal-Istati Membri huma obbligati skont l-Artikolu G(3) tal-Anness II iżommu dokumenti probatorji għal perijodu ta' tliet snin wara l-pagament tal-bilanċ finali mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu H(1) tal-Anness II il-Kummissjoni kienet obbligata tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta tikkonkludi li kien hemm irregolarità fir-rigward ta' assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni.

Regolament Nru 1267/1999,

23. Fiż-żmien rilevanti, Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (iktar 'il quddiem l-"ISPA"), fl-għamla tar-Regolament Nru 1267/1999, kien jagħmel parti mill-istrateġija Komunitarja għal qabel l-adeżjoni. Dan kien isegwi l-approċċ tal-Fond ta' Koeżjoni. L-għanijiet li ġejjin stabbiliti fil-premessi tar-Regolament Nru 1267/1999 huma partikolarment rilevanti. L-ewwel nett, l-istrateġija għal qabel l-adeżjoni kienet tinkludi dispożizzjoni għal strument dirett sabiex pajjiżi kandidati jiġu allinjati skont standards ta' infrastruttura Komunitarja u sabiex tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għal "miżuri ambjentali u ta' infrastruttura tat-trasport". It-tieni nett, assistenza Komunitarja skont l-ISPA kienet tiffaċilita l-implementazzjoni minn dawk il-pajjiżi tal-*acquis communautaire* b'rabta mal-ambjent u kienet tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli. It-tielet nett, fl-interess tat-tmexxija tajba ta' assistenza finanzjarju skont l-ISPA, kellha ssir dispożizzjoni għal metodi effettivi ta', *inter alia*, valutazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll ta' operazzjonijiet u sabiex tkun stabbilita l-azzjoni li jkollha tittieħed bi tweġiba għal irregolaritajiet jew nuqqasijiet ta' konformità ma' waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti meta tkun ingħatat assistenza skont l-ISPA [16].

24. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1267/1999 kien stabbilixxa l-ISPA.

25. L-Artikolu 2 kien intitolat "Miżuri eliġibbli". L-Artikolu 2(1) kien jipprovdi li assistenza finanzjarja Komunitarja skont l-ISPA kienet tinkludi proġetti li kienu teknikament u finanzjarjament indipendenti, pereżempju, "[…] fil-qasam tal-ambjent […]". L-Artikolu 2(2)(a) kien jippermetti li assistenza skont l-ISPA tingħata sabiex il-pajjiżi benefiċjarji kienu jkunu jistgħu jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-liġi ambjentali tal-Komunità u mal-għanijiet tal-Partnerships għall-Adeżjoni [17]. Assistenza Komunitarja skont l-ISPA kienet ingħatat mill-2000 sal-2006 [18].

26. Il-Kummissjoni setgħet tadotta deċiżjonijiet dwar il-miżuri li kellhom jiġu ffinanzjati skont l-ISPA f'konformità mal-Artikolu 7(1) skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 [19].

27. L-Artikolu 8(1) kien jipprevedi li l-Kummissjoni kellha timplementa nfiq skont l-ISPA b'mod konformi mar-Regolament Finanzjarju [20] abbażi tal-memorandum ta' finanzjament imfassal bejnha u l-pajjiż benefiċjarju. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw voti u pagamenti tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 1267/1999 kienu jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu C(2) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94.

28. Skont l-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni kellha titlob lill-pajjiżi benefiċjarji jivverifikaw li miżuri ffinanzjati minn fondi tal-Komunità jkunu twettqu sewwa, sabiex jiġu evitati irregolaritajiet u jiġu rkuprati ammonti mitlufa minħabba irregolarità jew negliġenza [21]. Skont l-Artikolu 9(5) il-Kummissjoni kellha tiżgura li jitħarsu l-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba, b'referenza partikolari għall-elementi stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament Nru 1267/1999. Fost dawk l-elementi kien hemm ir-rekwiżit li tinħatar entità ċentrali li permezz tagħha kellhom jgħaddu fondi Komunitarji mogħtija skont l-ISPA.

16 — Premessi 4, 7 u 14.

17 — Ara l-punt 29 iktar 'il quddiem.

18 — Ara l-Artikolu 3.

19 — L-Artikolu 14 kien jipprovdi li l-Kummissjoni kellha tkun megħjuna minn kumitat ta' tmexxija magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

20 — Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 356, p. 1) kien fis-seħħ meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA.

21 — Artikolu 9(1)(b), (c) u (d).

L-awtoritajiet responsabbli kellhom iżommu d-dokumenti probatorji kollha dwar infiq għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' proġett. Fl-aħħar nett, il-memorandum finanzjarju bejn il-Kummissjoni u kull pajjiż benefiċjarju kellu jkun fih dispożizzjonijiet għal korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' irregolaritajiet [22].

Deċiżjoni 2002/89

29. Partnerships għall-Adeżjoni jiddefinixxu l-qafas tal-proċess ta' adeżjoni. Dawn jistabbilixxu oqsma ta' prijorità li fihom pajjiżi kandidati jkun jeħtiġilhom jagħmlu progress, flimkien ma' dettalji tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni [23]. Kull pajjiż kandidat ifassal ukoll programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-*acquis* tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-objettivi intermedji u l-kundizzjonijiet għal-Litwanja kienu stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/89/KE [24]. Il-punt 4 tal-Anness, intitolat "Prijoritajiet u objettivi intermedji", kien jgħid fir-rigward tal-ambjent li dawn l-objettivi kienu jinkludu "traspożizzjoni sħiħa tal-*acquis*" u li kellu jkun hemm "implementazzjoni kontinwa tal-*acquis*, b'mod partikolari fir-rigward ta' […] l-immaniġġar tal-iskart […]"

Regolament Nru 1386/2002

30. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002, tad-29 ta' Lulju 2002, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji [25], is-sistemi ta' kontroll rilevanti kienu jinkludu proċeduri għall-verifika tal-awtenticità tal-infiq iddikjarat u tal-eżekuzzjoni tal-proġett ikkonċernat.

31. L-Artikolu 8(2)(b)(i) jipprovdi li qabel ma tiġi ċċertifikata xi dikjarazzjoni ta' nfiq (skont l-Artikolu 12(1)(d) tar-Regolament Nru 1164/94 u r-raba' inċiż tal-Artikolu D(2)(d) tal-Anness II tiegħu), l-awtorità tal-ħlas għandha tkun issodisfatta li, *inter alia*, id-dikjarazzjoni ta' nfiq tkun tinkludi biss infiq li fil-fatt ikun sar tul il-perijodu ta' eliġibbiltà stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' għoti ta' assistenza u li jkollha bħala prova fatturi b'irċevuti jew dokumenti ta' kontabbiltà ta' valur probattiv ekwivalenti.

Regolament Nru 16/2003

32. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 16/2003 [26] kien jistabbilixxi regoli komuni biex tkun iddeterminata l-eliġibbiltà ta' spiża ta' miżuri tal-Fond ta' Koeżjoni kif kien jgħid l-Artikolu 1. Il-korp responsabbli għall-implementazzjoni kien il-korp pubbliku jew privat responsabbli sabiex jorganizza l-offerti għall-proġett, kif maħtur fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-għoti ta' assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni, kif kien ipprovdut fl-Artikolu 2.

22 — Ara l-paragrafi 1, 4 u 5 tal-Anness III tar-Regolament Nru 1267/1999.

23 — Ara l-punti 14 u 15 tal-Konlużjonijiet tal-Presidenza b'rabta mal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12 u tat-13 ta' Diċembru 1997.

24 — Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet, l-objettivi intermedji u l-kundizzjonijiet fil-Partnership tal-Adeżjoni mal-Litwanja (ĠU L 44, p. 54), ara l-Artikolu 1.

25 — ĠU 2002 L 201, p. 5. Dan ir-Regolament kien irrevokat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU 2006 L 371, p. 1).

26 — Regolament (KE) Nru 16/2006, tas-6 ta' Jannar 2003, li jippreskrivi regoli speċjali dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tal-eliġibilità tal-ispiża fil-kuntest tal-miżuri parzjalment iffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14 Vol. 1, p. 189). Dak ir-regolament kien ġie rrevokat mir-Regolament Nru 1828/2006 tas-16 ta' Jannar 2007.

33. L-Artikolu 4 kien jgħid li l-ispiża kollha magħmula mill-korp responsabbli għall-implementazzjoni kellha tkun ibbażata fuq kuntratti jew ftehimiet u/jew dokumenti li kienu legalment vinkolanti. Kellhom jiġu ppreżentati dokumenti probatorji adatti.

34. L-Artikolu 5(1) kien jgħid:

"L-ispiża li għandha titqies għall-ħlas ta' għajnuna mill-Komunità għandha tkun attwalment intefqet matul il-perijodu ta' eliġibilità kif iddefinit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni [li tagħti għajnuna mill-Fond ta' Koeżjoni], skond l-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament [Nru 1386/2002], u għandha tkun direttament konnessa mal-proġett. L-ispiża għandha tkun konnessa ma' ħlasijiet iċċertifikati mill-Istat Membru u attwalment tħallsu minnu jew f'ismu […] u sostnuti b'fatturi mmarkati bħala rċevuti jew dokumenti ta' kontijiet ta' valur probatorju ekwivalenti.

'Dokument ta' kont ta' valur probatorju ekwivalenti' tfisser kull dokument issottomess mill-korp responsabbli għal implimentazzjoni biex jipprova li r-reġistrazzjoni fil-ktieb tagħti stampa vera u fiera (ġusta) tat-transazzjonijiet li jkunu attwalment saru, skond prassi standard ta' kontijiet."

35. Skont l-Artikolu 7(1) spiża magħmula tkun eliġibbli għal għajnuna mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi l-applikazzjoni sħiħa. Skont l-Artikolu 7(2) id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-proġett tiffissa l-bidu tal-perijodu ta' eliġibbiltà. Skont l-Artikolu 8 id-data finali għal eliġibbiltà (li tkun ġiet iffissata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni) kellha rabta mal-ħlasijiet magħmula mill-korp responsabbli għall-implementazzjoni [27].

36. L-Artikolu 23(1) kien jipprovdi li spiża fuq ix-xiri jew il-kostruzzjoni ta' impjant u tagħmir li kellu jiġi installat u mwaħħal b'mod permanenti fi proġett kienet eliġibbli, sakemm kienet inkluża fl-inventarju ta' tagħmir li kien iservi fit-tul tal-korp responsabbli għal implementazzjoni u li kienet titqies bħala nefqa kapitali skont konvenzjonijiet standard ta' kontabbiltà.

Linji gwida dwar l-Għeluq ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u ta' dak li qabel kien l-ISPA għas-snin 2000 sa 2006

37. Il-Linji gwida dwar l-Għeluq ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u ta' dak li qabel kien l-ISPA għas-snin 2000 sa 2006 (iktar 'il quddiem il-"Linji gwida għal Għeluq') [28] japplikaw għall-proġetti kollha tal-Fond ta' Koeżjoni u ta' dak li qabel kien l-IPSA, adottati wara l-1 ta' Jannar 2000. L-espressjoni "għeluq ta' proġetti" hija ddefinita bħala li tkopri "ir-riżoluzzjoni finanzjarja tal-vot pendenti [tal-Unjoni Ewropea] permezz tal-ħlas tal-bilanċ lill-awtorità maħtura jew il-ħruġ ta' nota ta' debitu u l-ħelsien tal-vot minn kull bilanċ finali". Id-dokument jgħaddi sabiex jgħid ukoll li għeluq ma jippreġudikax l-obbligu tal-korp responsabbli u tal-awtoritajiet nazzjonali li jżommu d-dokumenti probatorji kollha dwar infiq u kontrolli disponibbli għal perijodu ta' tliet snin wara l-pagament mill-Kummissjoni tal-bilanċ finali.

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

38. L-AMPA hija l-korp responsabbli mill-implementazzjoni tal-iżvilupp ta' sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus fil-Litwanja (iktar 'il quddiem il-"proġett" jew il-"proġett ta' kostruzzjoni"). Hija l-konvenuta fl-ewwel istanza (l-appellanti quddiem il-qorti tar-rinviju) u kienet l-awtorità kontraenti għall-finijiet ta' għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku b'rabta mal-proġett ta' kostruzzjoni. Il-kumpannija hija r-rikorrenti fl-ewwel istanza (l-appellata quddiem il-qorti tar-rinviju) u l-benefiċjarja aħħarija tal-assistenza mogħtija mill-Kummissjoni.

27 — Għal iktar dettalji relatati mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova proġetti ara l-punti 14 u 26 iktar 'il fuq.

28 — Komunikazzjoni lill-Kummissjoni minn Hübner SEC (2007), verżjoni finali tat-23 ta' April 2008.

39. Fit-13 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni sabiex tagħti assistenza għall-proġett ta' kostruzzjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni oriġinali tal-ISPA"). Iffirmat ukoll il-memorandum finanzjarju relatat (iktar 'il quddiem il-"Memorandum Finanzjarju') fl-istess data. Il-Litwanja ffirmat dan id-dokument fl-14 ta' Marzu 2002. Skont il-Memorandum Finanzjarju, il-31 ta' Diċembru 2004 kien indikat bħala d-data li fiha kellu jitlesta l-proġett, u l-pagamenti magħmula mill-AMPA għall-implementazzjoni tal-proġett kellhom jitħallsu kompletament sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006. Ir-rapport tal-Awditur tal-Istat li kellu jiġi sottomess sabiex il-Kummissjoni tħallas il-bilanċ finali tal-għajnuna finanzjarja kellu jintbagħat mill-Awtoritajiet Litwani lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara dik id-data.

40. Fl-10 ta' Novembru 2004, l-AMPA u l-kumpannija ffirmaw il-Ftehim ta' Implementazzjoni IPSA/Programm ta' Koeżjoni dwar l-allokazzjoni ta' xogħlijiet u responsabbiltajiet bejn l-AMPA u l-kumpannija b'rabta mal-amministrazzjoni ta' riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni għall-implementazzjoni tal-proġett ta' kostruzzjoni. Fis-27 ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li temenda l-Memorandum Finanzjarju billi, *inter alia*, żiedet il-paragrafu li ġej għall-Artikolu 2: "5. Nfiq relatat ma' proġett ikun eliġibbli sal-31 ta' Diċembru 2008". Għaldaqstant, l-Artikolu 2 tal-Memorandum Finanzjarju kien emendat kif ġej: "Data finali: 31 ta' Diċembru 2008".

41. L-applikazzjoni għal assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni kienet sottomessa mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-AMPA. Fil-kapaċità tagħha ta' awtorità kontraenti l-AMPA organizzat proċess ta' offerti relatat mal-proġett. Bejn it-22 ta' April 2004 u s-6 ta' Diċembru 2006 l-AMPA, il-kumpannija u ċerti kuntratturi privati oħra ffirmaw kuntratti ta' akkwist pubbliku [29].

42. Fis-17 ta' Diċembru 2009 l-uffiċċju tal-verifika nazzjonali Litwan għamel ir-rapport tal-verifika statali.

43. Fit-28 ta' Marzu 2013 l-AMPA ħarġet erba' "konklużjonijiet" dwar l-eliġibbiltà ta' ċerti partiti ta' nfiq tal-proġett skont il-kuntratti ta' akkwist pubbliku, ibbażati fuq in-nuqqas tal-kumpannija li tissostanzja l-akkwist ta' assi fuq żmien twil u qasir skont l-Artikoli 5(1) u 23 tar-Regolament Nru 16/2003 u l-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 1386/2002 (iktar 'il quddiem ir-"regolamenti ta' implementazzjoni"). Fid-29 ta' Marzu 2013, id-direttur tal-AMPA adotta deċiżjonijiet (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati") li permezz tagħhom il-kumpannija kien jeħtiġilha tħallas lura l-fondi ddikjarati ineliġibbli għal assistenza.

44. Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Ministeru tal-Finanzi Litwan issottometta talba aġġornata għall-pagament finali għall-proġett lill-Kummissjoni fejn talab il-bilanċ finali ta' EUR 826069.28. Il-Ministeru tal-Finanzi għarraf lill-Kummissjoni li, minħabba proċeduri legali pendenti b'rabta mal-proġett ta' kostruzzjoni, infiq ta' EUR 40276.31 li possibbilment seta' kien ineliġibbli ma kienx tnaqqas mit-talba aġġornata għall-pagament finali għall-proġett.

45. Fil-5 ta' Novembru 2013 il-kumpannija bdiet proċeduri fejn talbet l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Dak ir-rikors kien ikkonfermat fl-ewwel istanza abbażi tal-fatt li kien japplika t-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Minħabba li t-terminu ta' preskrizzjoni tqies li kien beda fil-31 ta' Diċembru 2008 (id-data li fiha kellu jintemm il-proġett kif stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Memorandum Finanzjarju rrivedut), kien isegwi li t-terminu kien skada fil-31 ta' Diċembru 2012, qabel ma kienu adottati d-deċiżjonijiet ikkontestati.

29 — Il-kuntratturi privati huma UAB "Alkesta', UAB 'Skirnuva" ma' UAB "Parama" u UAB "Dzūkijos statyba". Nirreferi għall-kuntratti li kienu miftiehma bħala "il-kuntratti ta' akkwist pubbliku".

46. L-AMPA appellat minn dik id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju fit-28 ta' Mejju 2014. Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2014, il-Ministeru tal-Finanzi ppreżenta lill-Kummissjoni r-rapport aġġornat dwar il-proġett (tas-17 ta' Diċembru 2009), flimkien mad-dikjarazzjoni ta' stralċ (iż-żewġ dokumenti kienu bid-data tal-25 ta' Ġunju 2014) [30].

47. Fil-proċeduri tal-appell, il-qorti tar-rinviju tat digriet li bih stiednet lill-AMPA u lill-kumpannija sabiex jipprovdu informazzjoni u dejta b'rabta mat-tlestija tal-proġett, flimkien ma' kjarifika u argumenti relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2988/95. Il-qorti tar-rinviju osservat, b'mod partikolari, li l-fatti li ġejjin ma kinux ċari: (i) id-data meta kellu jitlesta l-proġett; (ii) l-ammont pendenti li ma kienx tħallas u meta kellu jitħallas; u (iii) it-tifsira tal-kliem "programm", "miżura", u "proġett" li ntużaw il-waħda flok l-oħra fid-dokument(i) quddiem il-qorti tar-rinviju.

48. Bi tweġiba għal dak id-digriet, l-AMPA pprovdiet lill-qorti tar-rinviju b'materjal fattwali ġdid. B'mod partikolari, l-AMPA pproduċiet ittra tat-30 ta' April 2015 mingħand il-Ministeru tal-Finanzi. Din l-ittra kienet tindika li l-bilanċ dovut għall-proġett ma kienx wasal mingħand il-Kummissjoni.

49. Fil-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju l-AMPA ssottomettiet li l-proġett ma kienx għadu ġie ffinalizzat u li t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 ma kienx għadu beda jiddekorri. Tagħmel riferiment ukoll għad-definizzjoni ta' "konklużjoni ta' proġetti" msemmija fil-punt 37 iktar 'il fuq.

50. Permezz ta' ittra datata 26 ta' Ġunju 2015 il-Kummissjoni għalqet il-proġett. Din ikkonkludiet li total ta' EUR 106225.67 kien jikkostitwixxi nfiq ineliġibbli. Il-Kummissjoni mbagħad qalet: "[…] meqjus il-fatt li hemm ippjanat iżżejjed, l-infiq irregolari ma jkollu ebda impatt fuq il-kalkolazzjoni tal-pagament finali. Sa fejn għandu x'jaqsam il-budget tal-Unjoni Ewropea, il-każijiet ta' irregolarità jistgħu, għaldaqstant, jingħalqu. Il-bilanċ tal-voti tal-[Fond ta' Koeżjoni] jitħallas kollu". [31]

51. Il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li sabiex tirriżolvi t-tilwima fil-kawża prinċipali hija kien jeħtiġilha assistenza dwar jekk l-għajnuna finanzjarja Komunitarja għall-proġett ta' kostruzzjoni kinitx taqa' fil-kunċett ta' "programm multiannwali" għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, jekk it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 kienx japplika fil-kawża prinċipali u, jekk kien, jekk kienx skada. Għaldaqstant, fl-10 ta' Lulju 2015, hija rrinvijat id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) X'jikkostitwixxi 'programm multiannwali' fis-sens tal-Artikolu 3(1) [tar-Regolament Nru 2988/95]?

(2) Proġetti bħall-[Proġett] jikkorrispondu mal-kunċett ta' "programm multiannwali" kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-[Regolament Nru 2988/95]?

(3) F'każ li r-risposta għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv, liema mument għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi l-bidu tat-terminu għall-proċeduri skont l-Artikolu 3(1) tar-[Regolament Nru 2988/95]?"

52. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi mill-Gvern Grieg u mill-Gvern Litwan u mill-Kummissjoni, li lkoll għamlu sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2016.

30 — Wara li ntbagħtet dik l-informazzjoni ulterjuri l-AMPA għamlet investigazzjoni ġdida dwar irregolaritajiet li kienu jirrigwardaw l-infiq għall-proġett iddikjarat lill-Kummissjoni, u żewġ settijiet ta' proċeduri legali dwaru kienu għadhom pendenti fiż-żmien meta l-qorti tar-rinviju kienet iddeċidiet li tagħti dan id-digriet ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Id-digriet tar-rinviju jindika, madankollu, li dawk il-proċeduri l-oħra ma kinux jirrigwardaw l-affarijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

31 — Nifhem li t-terminu "ippjanat iżżejjed" kif użat fl-ittra tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2015 jirreferi għall-infiq magħmul li jeċċedi l-limiti eliġibbli.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

53. Id-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA kienet adottata fit-13 ta' Diċembru 2001 u l-Memorandum Finanzjarju kien iffirmat fl-14 ta' Marzu 2002. Il-proġett, għalhekk, kien twaqqaf qabel l-adeżjoni tal-Litwanja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Madankollu, minħabba li l-proġett ta' kostruzzjoni ma kienx tlesta sa dik id-data, ir-regoli dwar l-għeluq tiegħu u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni finanzjarja – il-pagament tal-vot pendenti mill-budget tal-Unjoni tal-bilanċ lill-AMPA – kellhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni tar-Regolament Nru 1164/94 [32].

54. Wara dan, b'rabta mal-kuntratti ta' akkwist pubbliku [33]. il-qorti tar-rinviju tgħid li sabet li l-kumpannija kienet naqset milli tipprovdi dokumentazzjoni bħala prova li fil-fatt kien sar infiq (matul il-perijodu ta' eliġibbiltà ddefinit fid-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA) skont l-Artikoli 5(1) u 23(1) tar-Regolament Nru 16/2003, flimkien mal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 1386/2002 [34].

55. Il-kumpannija hija operatriċi ekonomika għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95 [35]. Nuqqas ta' ċertifikazzjoni ta' nfiq kif mitlub mir-regolamenti ta' implementazzjoni jikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-Unjoni li "[…] għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-Komunità […]"

56. L-Artikolu 12(1)(d) tar-Regolament Nru 1164/94 jitlob li d-dikjarazzjoni ta' nfiq għandha tkun preċiża u tiggarantixxi li tkun tista' tiġi ssostanzjata b'sistemi ta' kontabbiltà bbażati fuq dokumenti probatorji verifikabbli. Barra minn hekk, fir-rigward tal-għeluq ta' proġetti, l-Artikolu D(2)(d) tal-Anness II ta' dan ir-regolament jgħid li l-bilanċ finali ta' assistenza tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-infiq iċċertifikat li *attwalment ikun tħallas*.

57. Hemm qbil li t-terminu ta' preskrizzjoni għal proġetti ta' dak li qabel kien l-IPSA jew tal-Fond ta' Koeżjoni ma huwiex irregolat b'regoli settorjali speċifiċi. Għalhekk inqis li n-nuqqas tal-kumpannija li tiċċertifika nfiq b'rabta mal-kuntratti ta' akkwist pubbliku skont ir-regolamenti ta' implementazzjoni jikkostitwixxi irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95. Għalhekk japplikaw ir-regoli li japplikaw għall-mod kif jaħdem it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament.

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

58. Permezz tal-ewwel domanda l-qorti tar-rinviju titlob gwida dwar l-interpretazzjoni tat-terminu "programm multiannwali" li hemm fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. It-tieni domanda titlob li jiġi stabbilit jekk il-proġett huwiex programm bħal dan għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. Minħabba li d-domandi għandhom rabta mill-qrib bejniethom ser inqishom flimkien.

32 — Ara l-Artikolu 16a tar-Regolament Nru 1164/94. Fir-rigward tal-għeluq ta' proġetti, ara l-Linji gwida għal għeluq imsemmija fil-punt 37 iktar 'il fuq. Filwaqt li d-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA kienet adottata skont ir-Regolament Nru 1267/1999, ser nirreferi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1164/94 fl-analiżi tiegħi minħabba li huma r-regoli ta' dan tal-aħħar, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni stabbiliti fl-Anness II li jirregolaw l-għeluq tal-proġett inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għalhekk ser nirreferi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1267/1999 biss fejn ikun meħtieġ li nkun speċifiku.

33 — Ara l-punt 41 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 29 iktar 'il fuq.

34 — Ara l-konklużjonijiet imsemmija fil-punt 43 iktar 'il fuq.

35 — Bħala waħda li kienet irċeviet fondi mill-budget tal-Unjoni Ewropea, il-kumpannija tista' titqies bħala operatriċi ekonomika għall-finijiet tar-Regolament Nru 2988/95. Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de commerce et d'industrie de l'Indre, C-465/10, EU:C:2011:867, punt 45.

59. Jiena tal-fehma li, fin-nuqqas ta' definizzjoni ta' "programm multiannwali" tar-Regolament Nru 2988/95, ikun meħtieġ li nibda billi nqis din l-espressjoni fid-dawl tal-kuntest li fih hija użata u tal-għanijiet tar-regolament.[36]

60. It-terminu "programm multiannwali" ma huwiex familjari. Pjuttost jolqotni bħala fraži teknika li tista' tintuża għal ipprogrammar finanzjarju f'qasam bħal budget tal-Unjoni Ewropea.

61. F'dan il-kuntest wieħed għandu jiddistingwi bejn il-kunċett ta' programm multiannwali u l-qafas finanzjarju multiannwali (imsemmi fl-Artikolu 312 TFUE)[37]. L-espressjoni ġenerali "programm multiannwali" tirreferi għall-firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni Ewropea li jiġu implementati permezz ta' fondi li jipprovdu għajnuna finanzjarja lil benefiċjarji permezz tal-intermedjazzjoni tal-Istati Membri. Il-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u ta' dak li qabel kien l-IPSA huma eżempji ta' "programmi" bħal dawn. U xi ngħidu dwar l-aġġettiv kwalifikattiv "multiannwali"?

62. Il-Kummissjoni tissottometti li l-kelma "multiannwali" tirreferi għall-perijodu ta' iktar minn sena.

63. Filwaqt li dan huwa minnu, jidhirli li, għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, il-perijodu inkwistjoni għandu jkun wieħed ta' mill-inqas sentejn. L-ewwel nett, perijodu ta' sena flimkien ma' parti minn sena ta' wara ma tantx jaqbel mal-kunċett ta' "multiannwali". It-tieni nett, dan l-aspett huwa rifless fl-iskema leġiżlattiva dwar l-allokazzjoni tal-voti tal-budget[38]. Skont ir-Regolament Nru 1164/94, voti tal-budget għal, *inter alia*, proġetti li jitwettqu tul perijodu ta' sentejn jew iktar jiġu effettwati, bħala regola ġenerali, f'pagamenti annwali. Il-voti fir-rigward tal-ewwel pagamenti jsiru meta d-deċiżjoni li tagħti għajnuna finanzjarja tiġi adottata mill-Kummissjoni. Voti fir-rigward ta' pagamenti annwali sussegwenti jkunu bbażati fuq il-memorandum finanzjarju għall-proġett ikkonċernat[39]. Dan il-mudell għal voti tal-budget huwa deskritt fil-proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi stabbilit Strument għal Politiki Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni bħala sistema "iktar sempliċi u iktar effiċjenti" li taħdem b'rabta ma' "proġetti multiannwali"[40].

64. Il-kelma "programm" hija wiesgħa biżżejjed fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha sabiex tkopri kemm il-qasam tal-politika tal-Unjoni (l-istrateġija tal-IPSA u l-Fond ta' Koeżjoni), kif ukoll il-miżuri, bħall-proġetti ta' kostruzzjoni, li jkollhom l-Istati Membri sabiex jimplementaw dawk il-politiki.

65. Iż-żewġ tipi ta' programm huma previsti mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95?

66. Fl-opinjoni tiegħi, ma humiex.

36 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Maïstrellis, C-222/14, EU:C:2015:473, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

37 — L-Artikolu 312(1) TFUE jgħid li qafas finanzjarju multiannwali: (i) għandu jassigura li l-infiq tal-Unjoni Ewropea jiżviluppa b'mod ordnat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha; (ii) għandu jiġi stabbilit għall-perijodu ta' mill-inqas ħames snin; u (iii) il-budget annwali tal-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mieghu. Ma huwiex il-budget. Il-kunċett tal-qafas finanzjarju multiannwali kien introdott fit-Trattati fl-1 ta' Diċembru 2009 bit-Trattat ta' Lisbona. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L298, p. 1) introduċa dispożizzjonijiet kumplimentari sabiex iġib f'allinjament ir-Regolament Finanzjarju mal-bidliet li ġab mieghu t-Trattat ta' Lisbona (ara l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni COM(2010) 815 finali). Nifhem li l-qafas finanzjarju multiannwali huwa għodda għall-ipproggrammar finanzjarju u dixxiplina tal-budget li għandha l-għan li tiżgura li nfiq tal-Unjoni jkun prevedibbli u jinżamm fil-limiti miftiehma.

38 — Dwar wegħdi legalment vinkolanti għal infiq ta' flus li mhux neċessarjament jitħallsu fl-istess sena iżda li jistgħu jitħallsu tul diversi snin finanzjarji, ara l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1164/94 imsemmi fil-punt 15 iktar 'il fuq.

39 — Ara l-Artikolu C(2)(a) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94.

40 — Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament (KE) li jistabbilixxi strument għal politiki strutturali tat-18 ta' Marzu 1998 COM(1998) 138 finali f'paġna 7.

67. L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi irregolarità bħala ksur tal-liġi tal-Unjoni li jirriżulta mill-att jew min-nuqqas ta' operatur ekonomiku li jkollu jew li jista' jkollu l-effett li jippreġudika l-budget tal-Unjoni. Dan huwa riferiment għal miżuri li jiġu introdotti għall-implementazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri permezz tal-għoti ta' assistenza lil benefiċjarji. Il-kumpannija fil-kawża prinċipali hija eżempju tat-tip ta' benefiċjarju li huwa previst.

68. L-ewwel, it-tieni u t-tielet premessa tar-Regolament Nru 2988/95 isaħħu iktar il-fehma li l-kunċett ta' "programm multiannwali" imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) jirreferi għal proġetti mwaqqfa sabiex tiġi implementata l-politika tal-Unjoni Ewropea [41]. Huwa b'rabta ma' proġetti bħal dawn li l-fondi tal-Unjoni Ewropea amministrati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jitħallsu lil benefiċjarji.

69. Ir-Regolament Nru 2988/95 jibda jkollu effett f'dak il-livell. Fil-fehma tiegħi l-mira tiegħu ma hijiex lejn il-livell fejn il-qafas finanzjarju multiannwali jiddetermina l-infiq għall-firxa ta' programmi ta' politika tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Fond ta' Koeżjoni.

70. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari jekk il-kelmiet "miżuri" u "proġett"' jaqgħux fit-tifsira ta' *programm* multiannwali fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

71. Fil-fehma tiegħi, iż-żewġ kelmiet huma koperti mill-kunċett ta' "programm multiannwali".

72. B'rabta mal-Fond ta' Koeżjoni, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 1164/94 jikkonferma li assistenza tkun tista' tingħata għal proġetti, stadji ta' proġetti jew gruppi ta' proġetti. L-Artikolu 3 jiddeskrivi dawk il-miżuri li jkunu eliġibbli għal assistenza. Isegwi mill-Artikolu 3(2) li għajnuna tkun tista' tinkiseb mhux biss għal proġetti, iżda wkoll għal miżuri anċillari, bħal studji preliminari li jkollhom x'jaqsmu ma' proġetti eliġibbli u miżuri tekniċi ta' sostenn, inklużi pubbliċità u kampanji ta' informazzjoni [42].

73. Il-kelma "miżuri", għalhekk, għandha tifsira usa' minn "proġetti" fl-iskema leġiżlattiva tar-Regolament Nru 1164/94. Tkopri proġetti, stadji ta' proġetti u gruppi ta' proġetti, flimkien ma' miżuri anċillari elenkati fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. [43]

74. Skont il-qorti tar-rinviju "miżura", "proġett" u "programm" intużaw waħda flok l-oħra fid-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA, fid-deċiżjoni ta' emenda tas-27 ta' Diċembru 2004 u fil-Memorandum Finanzjarju. Il-konsistenza fit-terminoloġija f'dawn id-dokumenti kienet tkun ta' għajnuna sabiex wieħed jifhem b'mod ċar. Fid-dawl ta' dan isegwi mil-leġiżlazzjoni li kemm "miżura" kif ukoll "proġett" jaqgħu fil-kunċett ta' "programm" għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

75. Dwar jekk il-proġett ta' kostruzzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax fil-kunċett ta' "programm multiannwali" skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni, jidhirli li jaqa' għar-raġunijiet li ġejjin.

41 — Ara l-punt 6 iktar 'il fuq.

42 — Ara l-ewwel u t-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1164/94. Ara wkoll id-definizzjoni ta' "proġett" fl-Artikolu A(2) tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

43 — Ara, pereżempju, l-Artikolu C(1) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 dwar voti tal-budget.

76. L-ewwel nett, huwa proġett ambjentali għall-finijiet tal-Artikoli 2(1) u 3(1) tar-Regolament Nru 1164/94 [ara wkoll l-Artikolu A(2)(a) tal-Anness II). In-natura tal-proġett inkwistjoni li jkun hemm sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus hija konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2(2)] tar-Regolament Nru 1267/1999, sa fejn din tkun ta' għajnuna għal-Litwanja sabiex hija tkun konformi mal-*acquis* ambjentali tal-Unjoni Ewropea, mod partikolari fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart, u tal-objettivi tal-Partnership għall-Adeżjoni tagħha [44].

77. It-tieni nett, il-proġett kien twaqqaf skont l-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament Nru 1267/1999. Fid-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA tat-13 ta' Diċembru 2001 kien stmat li d-data li fiha kellu jingħalaq il-proġett ta' kostruzzjoni kellha tkun il-31 ta' Diċembru 2004. Għalhekk kellu jitlesta tul perijodu ta' tliet snin (flimkien ma' sentejn addizzjonali li matulhom kellhom jitħallsu l-pagamenti kollha). Madankollu, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fis-27 ta' Diċembru 2004 li kienet temenda l-Memorandum Finanzjarju billi indikat li d-data stmata għall-għeluq tal-proġett ta' kostruzzjoni kienet il-31 ta' Diċembru 2008. Skont l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 1267/1999, il-voti kienu jkunu tħallsu tul il-perijodu minn dik id-deċiżjoni sad-data tal-għeluq f'pagamenti annwali bin-nifs. Għalhekk kien hemm voti tul perijodu li kien jestendi mid-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA tat-13 ta' Diċembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2008. Manifestament dan huwa perijodu multiannwali.

78. Fl-aħħar nett, sabiex ikun eliġibbli għal għajnuna tal-Unjoni skont ir-Regolament Nru 1267/1999, il-proġett ta' kostruzzjoni kellu jkun ta' skala biżżejjed li jkollha impatt sinjifikattiv fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali [45]. Dan, flimkien mal-perijodu stabbilit fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw għajnuna u fil-Memorandum Finanzjarju (kif emendat), jikkonferma li l-proġett ta' kostruzzjoni jaqa' fil-kunċett ta' programm multiannwali.

79. Fl-opinjoni tiegħi, meta tkun ingħatat assistenza finanzjarja Komunitarja skont ir-Regolament Nru 1267/1999 għal proġett li: (i) ikun jikkostitwixxi miżura eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament; (ii) ikun twaqqaf skont deċiżjoni tal-Kummissjoni u Memorandum Finanzjarju li dwarhom kien ikun hemm qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat; u (iii) kien twettaq tul perijodu ta' mill-inqas sentejn, tali proġett jaqa' fil-kunċett ta' programm multiannwali għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Għaldaqstant, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju li proġett bħall-iżvilupp ta' sistema ta' mmaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus fil-Litwanja jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, proġett ta' dan it-tip jista' jikkostitwixxi programm multiannwali skont ir-Regolament Nru 2988/95.

Fuq it-tielet domanda

Osservazzjonijiet ġenerali

80. Jekk l-iżvilupp ta' sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus jaqa' fil-fatt fil-kunċett ta' programm multiannwali għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fit-tielet domanda liema mument jikkostitwixxi l-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni skont din id-dispożizzjoni?

81. Fid-diviżjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 267 TFUE, bħala prinċipju huma dawn tal-aħħar li jiddeterminaw jekk il-kundizzjonijiet fattwali li jagħtu bidu għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunux issodisfatti f'kawżi pendenti quddiemhom, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja, meta tagħti deċiżjoni preliminari, tista',

44 — Ara l-punt 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2002/89 li jindika fl-intestatura "Ambjent" li traspożizzjoni kompleta tal-*acquis* tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-ambjent, b'mod partikolari l-implementazzjoni fir-rigward ta' immaniġġar ta' skart, kienet fost il-prijoritajiet u l-objettivi immedjati li kienu identifikati fil-Partnership għall-Adeżjoni tal-Litwanja.

45 — Ara l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1267/1999.

fejn jixraq, tipprovdi kjarifika sabiex tiggwida lill-qorti nazzjonali fl-interpretazzjoni tagħha [46]. Għalhekk huwa għal din il-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'risposta li tista' tkun utli u tgħinha tiddetermina l-kawża inkwistjoni. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha tifformula mill-ġdid id-domandi preliminari magħmula lilha [47]. Huwa għall-qorti nazzjonali li tkun ċerta dwar il-fatti li jkunu taw lok għat-tilwima quddiemha u tistabbilixxi l-konsegwenzi li jkollhom għas-sentenza li hija tkun jeħtiġilha tagħti.

82. Mid-digriet tar-rinviju jidher li l-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi kif it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) japplika għall-materja inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Mill-konklużjonijiet tiegħi fil-punt 79 iktar 'il fuq isegwi li jiena tal-fehma li l-proġett ta' kostruzzjoni huwa tabilħaqq programm multiannwali skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jgħid: "Fil-każ tal-programmi multiannwi, it-terminu tal-limitazzjoni għandu f'kull każ jibqa' jiddekorri sakemm il-programm jitwaqqaf definittivament." Huwa, għalhekk, meħtieġ, li tkun interpretata l-espressjoni "jitwaqqaf definittivament" sabiex jiġi stabbilit kif dan it-terminu ta' preskrizzjoni japplika f'dan il-każ. Barra minn dan, il-kliem ta' din id-dispożizzjoni jidentifika tmiem it-terminu ta' preskrizzjoni bħala l-punt kruċjali fil-każ ta' programmi multiannwali, milli l-bidu ta' dan il-perijodu.

83. Risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju dwar meta għandu jitqies li *jibda* jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni ma tistax, għalhekk, tiddetermina jekk id-direttur tal-EMPA jkunx adotta d-deċiżjonijiet ikkontestati qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni fil-każ ta' programm multiannwali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Jeħtieġ li jittieħed approċċ usa' għat-tielet domanda billi jiġi stabbilit kif it-terminu ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 japplika għall-irregolarità inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Barra minn dan, sabiex il-qorti tar-rinviju tiġi pprovduta b'risposta iktar kompleta, ser inqis ukoll kif l-irregolarità jew l-irregolaritajiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jiġu kklassifikati u kif it-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 3(1) jista' japplika fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ (ara l-punti 86 sa 95 iktar 'il quddiem).

84. Wara dan, mid-digriet tar-rinviju jidher li l-kuntest fattwali tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju tibqa' ma hijiex ċara. Id-dati u s-sekwenza tal-avvenimenti li wasslu għall-għeluq tal-proġett inkwistjoni kienu ġew stabbiliti. Madankollu, ma huwiex ċar mid-digriet tar-rinviju jekk l-awtoritajiet Litwani għamlux arranġamenti mal-Kummissjoni fir-rigward tal-għeluq tal-proġett b'mod li s-sottomissjoni tardiva tad-dokumenti statutorji jkunu aċċettabbli, u l-fatt jekk (jekk dan huwa l-każ) tali arranġament kienx konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Nru 1164/94 u mal-Linji gwida għal Għeluq ma huwiex stabbilit fid-digriet tar-rinviju [48].

85. Ser neżamina l-applikazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 fid-dawl ta' dawn il-fatturi.

Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

86. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament Nru 2988/95 jintroduċi: "regoli ġenerali fir-rigward ta' verifiki omoġenji u ma' miżuri amministrattivi u penali li għandhom x'jaqsmu mal-irregolaritajiet fir-rigward tal-liġi tal-[Unjoni Ewropea]" u, ma' "atti [kuntrarji] li huma ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-[Unjoni Ewropea] jiġu ribattuti fl-oqsma kollha" [49].

46 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punti 33 u 34 u l-ġurisprudenza ċċitata.

47 — Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, Hewlett-Packard Europe, C-361/11, EU:C:2013:18, punt 35.

48 — Ara l-punt 47 iktar 'il fuq.

49 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll it-tielet premessa tar-Regolament Nru 2988/95.

87. It-terminu ta' preskrizzjoni msemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 għandu l-għan li jiżgura ċ-ċertezza legali għal operaturi ekonomiċi[50] Dan il-prinċipju jitlob b'mod partikolari li d-drittijiet u l-obbligi tal-operatur ekonomiku fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati indefinittivament; li għandu jkun hemm terminu ta' preskrizzjoni li jkun jirrigwarda l-irregolarità inkwistjoni; li dan it-terminu għandu iffissat minn qabel u li kull regola għandha tkun prevedibbli biżżejjed mill-operatur ekonomiku kkonċernat[51].

88. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jistabbilixxi terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin għal proċeduri minn meta ssir l-irregolarità għal dak li jiena nsejjaħ "irregolaritajiet separati". Għal irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti t-terminu ta' preskrizzjoni jiddekorri għal erba' snin minn meta tintemm l-irregolarità[52]. Irregolarità tkun "kontinwa" meta l-ommissjoni li tikkawża l-ksur tad-dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni tippersisti[53]. Irregolarità tkun "ripetuta" skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni meta titwettaq minn operatur li jieħu vantaġġi ekonomiċi minn korp ta' tranżazzjonijiet simili li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea[54]. Irregolaritajiet separati għandu jkollhom rabta biżżejjed bejniethom fiż-żmien sabiex jitqiesu irregolaritajiet ripetuti. Ikun hemm rabta bħal din fiż-żmien meta l-perijodu bejn kull irregolarità jkun iqsar mit-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali ta' erba' snin[55]. Fl-iskema tal-Artikolu 3(1) it-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali huwa ta' erba' snin. Madankollu, jidhirli li, (anki jekk l-irregolarità (jew irregolaritajiet) inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkunux jaqgħu fil-kunċett ta' programm multiannwali) fl-assenza tad-dettalji fattwali meħtieġa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' toffri iktar gwida dwar jekk dan il-każ jagħtix lok għal irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti.

89. Hemm terminu ta' preskrizzjoni partikolari għal programmi multiannwali; hawnhekk, meta l-perijodu jiddekorri sakemm il-programm "jitwaqqaf definittivament". Għalhekk, il-kliem "il-perjodu tal-limitazzjoni" fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jista' jiġi interpretat bħala li jfisser li t-terminu ta' preskrizzjoni għal programmi multiannwali huwa ġeneralment ta' erba' snin, iżda li f'kull każ għandu jiddekorri sakemm il-programm inkwistjoni jiġi tterminat definittivament meta tali programm ikun jestendi lil hinn minn perijodu ta' erba' snin. Minħabba li r-Regolament Nru 2988/95 jipprovdi regoli ġenerali li japplikaw (għal programmi multiannwali) tul firxa ta' setturi, ma huwiex ta' sorpriża li l-leġiżlatura ma speċifikatx numru preċiż ta' snin.

90. Din l-interpretazzjoni jidhirli li taqbel mal-għan partikolari tar-regola tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 dwar programmi multiannwali. Għal tali programmi, il-mod kif jopera t-terminu ta' preskrizzjoni ma huwiex iddeterminat mill-mument li fih isseħħ l-irregolarità jew meta tintemm. It-terminu ta' preskrizzjoni lanqas ma huwa ristrett għal perijodu ta' erba' snin. Kuntrarjament għas-sitwazzjoni rigward irregolaritajiet separati u kontinwi jew irregolaritajiet ripetuti, it-terminu ta' preskrizzjoni għal programmi multiannwali jorbot mat-terminazzjoni definittiva tal-programm inkwistjoni. Bħala konsegwenza, jista' jiddekorri għal perijodu itwal minn dak ġenerali ta' erba' snin.

91. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-kunċett ta' att relatat ma' "investigazzjoni jew proċeduri legali" skont it-tifsira tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, li termini ta' preskrizzjoni ma jissodisfawx il-funzjoni li jiżguraw iċ-ċertezza legali u li tali funzjoni ma tiġix għalkollox issodisfatta li kieku dan it-terminu ta' preskrizzjoni seta' jiġi interrott minn *kull* att relatat ma' kontroll ġenerali mill-awtoritajiet nazzjonali li ma jkollu rabta ma' ebda suspett dwar

50 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 24.

51 — Ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Ze Fu Fleischhandel u Vion Trading, C-201/10 u C-202/10, EU:C:2011:282, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

52 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 21.

53 — Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2004, José Peix vs Il-Kummissjoni C-226/03 P, EU:C:2004:768, punt 17.

54 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata.

55 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 52.

l-eżistenza ta' irregolaritajiet dwar operazzjonijiet iddefiniti bi preċiżjoni suffiċjenti [56]. Għalhekk, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li att għandu jistabbilixxi bi preċiżjoni suffiċjenti l-operazzjonijiet li għalihom is-suspetti ta' irregolaritajiet ikollhom rabta sabiex jikkostitwixxi att ta' interruzzjoni skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni [57].

92. Fil-fehma tiegħi, ir-rapport tal-verifika statali tas-17 ta' Diċembru 2009 huwa wisq ġenerali fin-natura tiegħu sabiex jikkostitwixxi att bħal dan.

93. Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jiffissa limitu assolut għal proċeduri legali fir-rigward ta' irregolarità. Dan it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jkun effettiv mhux iktar tard mill-jum li fih jiskadi perijodu ugwali għad-doppju tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin stabbilit fl-ewwel subparagrafu tiegħu mingħajr ma l-awtorità kompetenti tkun imponiet penali, ħlief fejn il-proċedura amministrattiva tkun ġiet sospiża skont l-Artikolu 6(1) [58]. Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, għalhekk, jgħin sabiex isaħħaħ iktar iċ-ċertezza legali għal operaturi ekonomiċi billi ma jħallix li t-terminu ta' preskrizzjoni jiġi estiż indefinittivament b'atti ta' interruzzjoni ripetuti [59].

94. Minħabba li l-qorti tar-rinviju ma indikatx li l-fatti tal-kawża quddiemha jagħtu lok għal irregolaritajiet kontinwi jew ripetuti jew li din il-kawża tinvolvi atti ta' interruzzjoni ripetuti, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 ma huwiex rilevanti hawnhekk.

95. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-imgħoddi kienet eżaminat ukoll jekk termini ta' preskrizzjoni jkunux proporzjonati, b'mod partikolari fl-evalwazzjoni tat-terminu ta' żmien sabiex jittieħdu proċeduri skont regoli nazzjonali fil-kuntest tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 2988/95. Iddeċidiet li kull terminu ta' preskrizzjoni "[…] ma għandux, *inter alia*, [i]mur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni […]" [60].

Programmi multiannwali

96. Inqis li l-proġett ta' kostruzzjoni inkwistjoni hawnhekk huwa programm multiannwali. It-terminu ta' preskrizzjoni għandu, għalhekk, jiġi stabbilit skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

97. Xi jfisser il-kliem "it-terminu tal-limitazzjoni għandu f'kull każ jibqa' jiddekorri sakemm il-programm jitwaqqaf definittivament"?

98. Il-Gvern Litwan issottometta fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li t-tlieta u ħamsin proġett fis-setturi tal-ambjent u tat-trasport, inizjalment bis-sostenn ta' dak li qabel kien l-IPSA (Fondi ta' Koeżjoni), huma programmi multiannwali. Il-proġett inkwistjoni jagħmel parti minn dan il-grupp ta' miżuri. Għalhekk, huwa ssottometta li t-terminu ta' preskrizzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 jiddekorri sakemm it-tlieta u ħamsin proġett jitlestew. Minħabba li xi wħud minn dawk il-proġetti għadhom ma tlestewx, it-terminu ta' preskrizzjoni jkompli jiddekorri. Nirreferi għal dan bħala "l-ewwel għażla".

56 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 41 sa 43. Enfasi miżjuda.

57 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 47.

58 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 63.

59 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 64.

60 — Ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Ze Fu Fleischhandel u Vion Trading, C-201/10 u C-202/10, EU:C:2011:282, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

99. Il-Litwanja bidlet il-pożizzjoni tagħha matul il-fażi orali tal-proċeduri. Hija aċċettat li ma kienx meħtieġ jintwera li t-tlieta u ħamsin proġett kienu ngħalqu sabiex it-terminu ta' preskrizzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) jitqies li jkun intemm definittivament.

100. Inqis li l-Litwanja kellha raġun timmodifika l-pożizzjoni tagħha, minħabba li l-ewwel għażla ma hijiex konsistenti mal-użu tal-kelma "programm" f'dik id-dispożizzjoni sabiex tagħmel riferiment għall-proġett jew għall-miżura inkwistjoni milli għall-politika usa' tal-Unjoni Ewropea li tingħata assistenza qabel l-adeżjoni għal proġetti ta' infrastruttura ewlenin. Lanqas ma hija konsistenti mal-mod li bih ikun hemm ċertezza legali għal operaturi ekonomiċi, prinċipju li huwa l-bażi ta' kif jopera t-terminu ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 3(1). Operaturi ekonomiċi involuti fi proġetti bħal dawn għandhom ikunu jistgħu jkunu jafu liema mill-operazzjonijiet tagħhom ikunu definittivi u liema jistgħu jkunu suġġetti għal proċeduri legali. Terminu ta' preskrizzjoni li jintemm meta jitlestew proġetti ta' infrastruttura li fihom operatur ekonomiku ma jkunx parteċipant u li fuqhom ma jistax ikollu influwenza ma jistax, fil-fehma tiegħi, ikun kompatibbli maċ-ċertezza legali.

101. Il-Kummissjoni tissottometti li d-data meta s-servizzi tagħha jagħlqu proġett tkun it-terminazzjoni definittiva ta' programm multiannwali. F'dan il-każ dan l-għeluq seħħ bl-ittra tas-26 ta' Ġunju 2015. Nirreferi għal dan bħala "it-tieni għażla".

102. Ma naqbilx ma' kif taħsibha l-Kummissjoni.

103. Jidhirli li t-tieni għażla tkun qiegħda tagħti lill-Kummissjoni marġni diskrezzjonali sinjifikattiv fid-determinazzjoni tal-għeluq definittiv ta' proġett skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Interpretazzjoni bħal din tkun inkonsistenti mal-grad ta' ċertezza legali meħtieġ għall-ħarsien tal-interessi ta' operaturi ekonomiċi. Tkun tista' tesponihom għal perijodu twil ta' inċertezza u għandha r-riskju li tqegħidhom f'pożizzjoni li ma jkunux jistgħu jġibu prova li l-operazzjonijiet inkwistjoni kienu legali [61]. Forsi tista' titqies ukoll li tinkoraġġixxi (jew f'kull każ li ma *tiskoraġġix*) prattika dilatorja fl-amministrazzjoni tal-Kummissjoni. Dan ikun inkonsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li t-terminu ta' preskrizzjoni ma jkunx qiegħed jiġi ddeterminat mill-ħtieġa li jkunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, iżda pjuttost mir-ritmu tal-attività amministrattiva. Dan imur kontra l-Artikolu 41 tal-Karta, li jiggarantixxi li dak kollu li jirrigwarda l-persuna jiġi ttrattat fi żmien raġonevoli, kif ukoll skont l-għanijiet tar-regoli għal għeluq tar-Regolament Nru 1164/94 u tal-Linji gwida għal Għeluq.

104. Għalhekk ma naċċettax it-tieni għażla.

105. Huwa diffiċli tgħid b'mod preċiż meta proġett ta' kostruzzjoni jintemm, minħabba li jkun hemm għadd ta' stadji u proċessi differenti li jwasslu sabiex jitlesta [62]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tipprovdi interpretazzjoni li tkun taqbel mal-kliem u mal-għanijiet tar-Regolament Nru 2988/95 u li fl-istess waqt tkun konsistenti mar-Regolament Nru 1164/94 (minħabba li għall-proġett ta' kostruzzjoni japplikaw ir-regoli speċifiċi ta' dan tal-aħħar).

106. B'hekk, dan huwa meħtieġ sabiex jiġu interpretati b'mod koerenti u konsistenti r-regoli li japplikaw, b'mod partikolari l-pagament tal-bilanċ finali ta' assistenza finanzjarja skont l-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 (u l-Linji gwida għal Għeluq) flimkien mal-espressjoni "il-programm jitwaqqaf definittivament" tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

61 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen, C-52/14, EU:C:2015:381, punt 68.

62 — Ara r-Rapport Speċjali 12 tal-2008 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri – L-Istrument għal politiki strutturali għal qabel l-adeżjoni (ISPA) 2000 – 06, punt 27.

107. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li approvat assistenza finanzjarja stabbilixxiet l-ammont ta' għajnuna, il-pjan ta' finanzjament u l-kundizzjonijiet kollha, flimkien mad-data li fiha jkun stmat li jintemm il-proġett, li kienet ukoll id-data finali għall-eliġibbiltà ta' nfiq skont ir-Regolament Nru 1164/94 [63]. Id-dettalji ewlenin ta' dik id-deċiżjoni għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali [64]. Ir-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni jipprovdu għal kontrolli (Artikolu 12(1)) u jeżiġu li d-dokumenti statutorji jintbagħtu lill-Kummissjoni. L-iskema ġenerali stabbilita fl-Artikolu D(2)(d) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 tirrakkomanda li r-rapport finali jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur qabel it-terminu ta' skadenza għat-tlestija tax-xogħol u għall-infiq [it-tielet inċiż tal-Artikolu D(2)(d)] jew mhux iktar tard minn tmintax-il xahar mid-data finali għat-tlestija tax-xogħlijiet u pagamenti kif imniżżel fid-deċiżjoni li tkun tat għajnuna [Artikolu D(3)] jew xahrejn wara li applikazzjoni ammissibbli għal pagament tkun ġiet riċevuta u l-Kummissjoni kellha tagħmel pagament finali lill-awtorità nazzjonali kompetenti (Artikolu D(5)). L-awtoritajiet nazzjonali jkunu sussegwentement mitluba jżommu d-dokumenti probatorji kollha disponibbli għall-Kummissjoni għal tliet snin [Artikolu G(3)].

108. Dawk ir-regoli ma jagħmluhiex possibbli tiġi identifikata skeda preċiża għall-għeluq ta' proġetti. Il-pożizzjoni għandha tvarja skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. Madankollu jidhirli li r-rabta bejn il-proċess ta' għeluq skont ir-Regolament Nru 1164/94 u t-terminazzjoni definittiva ta' proġett għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 tagħmilha possibbli tiġi identifikata għażla oħra, li ser nirreferi għaliha bħala "it-tielet għażla".

109. Sabiex jiġi stabbilit jekk proġett tal-Fond ta' Koeżjoni (jew ta' dak li qabel kien l-IPSA) jitqisx li jkun intemm definittivament, l-ewwel nett jeħtieġ jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunux għamlu applikazzjoni ammissibbli għal pagament lill-Kummissjoni b'rabta mal-proġett ikkonċernat. It-tieni nett, għandhom jitqiesu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun approvat assistenza u d-data tat-tmiem tal-proġett stabbilita fil-memorandum finanzjarju. It-tielet nett, jeħtieġ jiġi stabbilit jekk ir-rapport finali jkunx intbagħat lill-Kummissjoni skont it-tieni inċiż tal-Artikolu D(2)(d) jew l-Artikolu D(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94. Ir-raba' nett, għandu jitqies li l-Kummissjoni jkollha, bħala regola ġenerali, xahrejn żmien minn meta tirċievi applikazzjoni ammissibbli sabiex tħallas il-bilanċ finali. Il-ħames nett, jekk ma jkunx ispeċifikat mod ieħor, id-dokumenti relatati mal-proġett għandhom jinżammu għal tliet snin sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-verifiki finanzjarji [65]. Fi tmiem dan il-perijodu, il-proġett għandu jitqies li jkun intemm definittivament.

110. It-tielet għażla jidhirli timmarka t-tmiem jew, fil-kliem tar-Regolament Nru 2988/95, it-terminazzjoni ta' proġett. Tali approċċ huwa konsistenti mal-obbligi ġenerali tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 17(1) TUE, li teżegwixxi l-budget u tamministra programmi u b'mod partikolari d-dmir tagħha skont ir-Regolament Nru 1164/94 li twettaq kontrolli u li timplementa korrezzjonijiet finanzjarji (Artikoli G u H tal-Anness II ta' dan ir-Regolament). It-tielet għażla tippermetti wkoll lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Dawn jinkludu t-twettiq tal-kontrolli finanzjarji meħtieġa, bħal kxif ta' irregolaritajiet, li l-proġett jintwera li jkun ġie implementat sewwa u li jinkiseb il-pagament tal-bilanċ finali skont dan ir-regolament [66].

111. Filwaqt li ma hemmx dubju li huwa iktar faċli għal operaturi ekonomiċi li jkunu jafu dwar terminu ta' preskrizzjoni li jkun espress bħala li jestendi tul perijodu ta' żmien stabbilit (bħal erba' snin) li jibda minn ġrajja speċifika, dan il-mudell ma jissarrafx faċilment f'kunċett bħal programm multiannwali li jkun fluwidu minnu nnifsu. Id-data tat-tmiem ta' tali programm tista' tiġi stmata biss mill-bidu nett tiegħu. Inqis li t-tielet għażla fil-fatt tipprovdi ċertezza legali biżżejjed. Tiggarantixxi li

63 — Ara l-Artikolu 10(6) tar-Regolament Nru 1164/94 u l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 16/2003.

64 — Artikolu 10(7) tar-Regolament Nru 1164/94.

65 — Ara l-punt 113 iktar 'il quddiem.

66 — Ara, pereżempju, l-Artikolu 12(1)(e) u (f) tar-Regolament Nru 1164/94. Tgħin ukoll lill-Istati Membri jissodisfaw l-irwol tagħhom skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

d-drittijiet ta' operaturi ekonomiċi ma jkunux esposti għal kontestazzjoni indefinita. It-terminu ta' preskrizzjoni huwa stabbilit b'referenza għar-Regolament Nru 1164/94, u l-parametri tiegħu jkunu, għalhekk, iffissati minn qabel u prevedibbli biżżejjed mill-operatur ekonomiku kkonċernat. Programmi multiannwali huma proġetti fuq skala kbira. Aktarx li b'mod korrispondenti jkunu jinvolvu operaturi ekonomiċi kbar u sofistikati li jistgħu jkunu mistennija jkunu jafu xi ftit dwar jew ikollhom aċċess għar-regoli u għall-proċeduri rilevanti. It-tielet għażla jista' wkoll ikollha l-vantaġġ li tinkoraġġixxi operaturi ekonomiċi jiżguraw li jipprovdu f'waqtu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-materjal meħtieġ sabiex dawn jikkompilaw id-dokumenti ta' għeluq skont ir-regoli statutorji.

112. Fil-fehma tiegħi t-tielet għażla hija proporzjonata sa fejn issegwi r-regoli stabbiliti tar-Regolament Nru 1164/94 li jiżguraw li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jissodisfaw id-dmirijiet rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. Terminu ta' preskrizzjoni li jqis id-data tat-tmiem tal-proġett inkwistjoni, is-sottomissjoni tar-rapport finali u applikazzjoni ammissibbli għal pagament, flimkien mal-perijodu ta' xahrejn għall-Kummissjoni sabiex tagħmel pagament, flimkien ma' perijodu ta' tliet snin li fih ikunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet finanzjarji, jaqbel mar-regoli li l-leġiżlatur introduċa sabiex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u ma jmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ għal dan il-għan.

113. X'jiġri meta ma ssirx applikazzjoni ammissibbli mill-Istat Membru lill-Kummissjoni (pereżempju, meta r-rapport finali jintbagħat lill-Kummissjoni wara l-perijodu ta' tmintax-il xahar stabbiliti fl-Artikolu D(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 (kif seta' kien il-każ hawnhekk) jew ma jinbagħat xejn)?[67] Inqis li f'tali ċirkustanzi jkun, imbagħad, meħtieġ li jitqiesu d-data ta' tmiem il-proġett fil-Memorandum Finanzjarju u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun approvat il-proġett. Il-perijodu ta' tmintax-il xahar mit-terminu ta' skadenza tad-data finali għat-tlestija tax-xogħlijiet u għall-pagamenti li jkollhom isiru mill-korp nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu D(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 għandu sussegwentement jintuża bħala sostitut għas-sottomissjoni attwali tar-rapport finali. F'każ bħal dan skont din id-dispożizzjoni pagament tal-bilanċ finali għandu f'kull każ jiġi kkanċellat u l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk ikunx jixraq tiġi applikata korrezzjoni finanzjarja. Jidher li hemm *lacuna* fid-dispożizzjoni leġiżlattiva minħabba li l-Istati Membri huma suġġetti għal obbligu li jżommu dokumenti għal tliet snin wara pagament finali, iżda ma hijiex speċifikata skeda korrispondenti meta dak il-pagament ma jkunx sar. Madankollu, ikun inkonsistenti mal-prinċipju taċ-ċertezza legali li l-Kummissjoni jkollha perijodu indefinit li fih tivverifika l-pożizzjoni. Ikun daqstant stramb kieku l-perijodu adatt kien inqas mit-tliet snin speċifikati fl-Artikolu G(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94. Jiena, għalhekk, inqis li l-perijodu ta' tliet snin għandu jkun inkluż ukoll meta applikazzjoni ammissibbli ma tkunx inbagħtet lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

114. It-tlestija tax-xogħlijiet tal-bini aktarx jindikaw it-tmiem naturali ta' proġett ta' kostruzzjoni. Possibbli li r-raba' għażla hija aħjar mit-tielet għażla?

115. Fil-fehma tiegħi t-tweġiba hija "le".

116. L-ewwel nett, ir-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni jipprovdu b'mod iddettaljat għall-għeluq ta' proġetti[68], iżda ma hemmx regoli simili li jistabbilixxu meta proġett ta' kostruzzjoni jkun tlesta. L-assenza ta' tali dispożizzjonijiet tissuġġerixxi li jista' jkun hemm nuqqas ta' trasparenza u wkoll ta' ċertezza legali jekk it-tlestija tal-proġett ta' kostruzzjoni kellha titqies bħala t-terminazzjoni definittiva.

67 — Ara l-Anness 3 tal-Linji gwida għal Għeluq.

68 — Ara l-punt 37 iktar 'il fuq.

117. It-tieni nett, ikun iktar konsistenti mal-għanijiet ġenerali tar-Regolament Nru 2988/95 għall-għeluq tal-proġett milli l-waqt li fih ix-xogħlijiet tal-bini jkunu tlestew sabiex tkun kostitwita "terminazzjoni". Filwaqt li għan tar-Regolament Nru 2988/95 huwa li tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali għal operaturi ekonomiċi, l-għan primarju tiegħu huwa li jkunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea billi jiġu segwiti irregolaritajiet fil-firxa sħiħa tal-politiki tal-Unjoni [69]. Għalhekk, fir-rigward tal-mod kif jopera t-terminu ta' preskrizzjoni, id-domanda rilevanti hija meta l-fondi tal-Unjoni joħorġu mill-budget.

118. Għalhekk jiena tal-fehma li t-tlestija tax-xogħlijiet tal-bini ma tikkostitwixxix r-raba' għażla.

119. Ir-regoli tar-Regolament Nru 1164/94 jistabbilixxu grad ta' ċertezza legali. Madankollu, il-mod kif jaħdmu jvarja skont iċ-ċirkustanzi tal-każ.

120. F'dan il-każ il-qorti tar-rinviju pprovdiet xi dettalji relatati mad-deċiżjoni oriġinali tal-ISPA [70]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha kważi ebda informazzjoni dwar x'seħħ wara r-reviżjoni tal-Memorandum Finanzjarju magħmula bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Diċembru 2004, minbarra l-fatt li d-data riveduta għat-tmiem tal-proġett ta' kostruzzjoni kienet saret il-31 ta' Diċembru 2008. Skont l-Artikolu D(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 ir-rapport finali kien missu ntbagħat lill-Kummissjoni mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 (qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' tmintax-il xahar kif indikat fl-Artikolu D(3) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94). Huwa għall-qorti tar-rinviju li tivverifika meta l-pagamenti magħmula mill-AMPA kellhom isiru kollha. Ma hemm xejn fid-digriet tar-rinviju dwar dan il-punt. Il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma taf jekk kinitx saret applikazzjoni ammissibbli għal pagament – jekk ma saritx il-perijodu ta' xahrejn li kien iwassal sal-31 ta' Awwissu 2010 ma kienx ikun japplika. Il-perijodu ta' tliet snin tal-Artikolu G(3) tal-Anness II ta' dan ir-regolament kien ikun jeħtieġlu jiżdied mal-kalkolazzjoni sabiex il-Kummissjoni setgħet tkun tista' twettaq id-dmir tagħha li tagħmel kontrolli u tistabbilixxi jekk kellhomx jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji.

121. Isegwi li t-terminu ta' preskrizzjoni jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2013 kieku kienet saret applikazzjoni ammissibbli għal pagament. Kien jintemm fit-30 ta' Ġunju 2013 kieku kienet saret applikazzjoni. F'kull każ, anki jekk id-data li fiha l-AMPA kellha tagħmel il-pagamenti kollha ma kinitx testendi lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2008, id-deċiżjonijiet ikkontestati tad-29 ta' Marzu 2013 kienu jkunu jaqgħu fit-terminu ta' preskrizzjoni.

122. Ma huwiex ċar jekk l-awtoritajiet Litwani u l-Kummissjoni kinux għamlu xi arranġament li kien jippermetti li d-dokumenti statutorji jintbagħtu b'mod sinjifikanti wara data tat-tmiem tal-31 ta' Diċembru 2008 stabbilita fil-Memorandum Finanzjarju kif emendat [71]. Ma huwiex ċar ukoll jekk, jekk huwa hekk, tali arranġament kienx ikun konsistenti mar-Regolament Nru 1164/94. Il-Kummissjoni ma kinitx ikkanċellat il-pagament tal-bilanċ finali minħabba li ma kienx inbagħat ir-rapport finali skont l-Artikolu D(3) tal-Anness II ta' dan ir-regolament. Dan in-nuqqas lanqas ma ta lok għall-mekkaniżmu ta' korrezzjoni finanzjarja. Huwa għall-qorti tar-rinviju li tistabbilixxi u tivverifika l-arranġamenti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Litwani dwar l-għeluq tal-proġett inkwistjoni.

123. Għalhekk inqis li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju taċ-ċirkustanzi fattwali, id-data tat-30 ta' Ġunju 2013 għandha titqies bħala l-eqreb waħda li fiha l-proġett kellu jiġi tterminat definittivament u li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu adottati fil-perijodu tat-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

69 — Ara l-punt 6 iktar 'il fuq.

70 — Ara l-punti 42 sa 44.

71 — Il-qorti tar-rinviju tgħid fid-digriet tar-rinviju tagħha li fl-14 ta' Lulju 2014 il-Ministeru tal-Finanzi ppreżenta lill-Kummissjoni rapport statali ta' verifika aġġornat b'dikjarazzjoni ta' stralċ aġġornata.

124. Sabiex jiġi ddeterminat il-mod kif jopera t-terminu ta' preskrizzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 fil-każ ta' programm multiannwali li jikkonċerna proġett ta' dak li qabel kien l-IPSA irregolat mid-dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94, ikun, għalhekk, jeħtieġ jiġi stabbilit: (i) jekk tkunx saret applikazzjoni ammissibbli lill-Kummissjoni għal pagament skont l-Artikolu D(5) ta' dan ir-regolament mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat; (ii) id-data finali għat-tlestija tax-xogħlijiet u għall-pagamenti kif indikat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li pprovdiet assistenza u fil-Memorandum Finanzjarju mehmuż magħha; (iii) jekk ir-rapport finali meħtieġ mill-Artikolu D(2)(d) kienx intbagħat lill-Kummissjoni; (iv) jekk il-perijodu ta' xahrejn stabbilit fl-Artikolu D(5) kienx skada; u (v) jekk kienx skada perijodu ta' tliet snin (sakemm ma kienx deċiż mod ieħor skont l-Artikolu G(3)) wara l-pagament mill-Kummissjoni tal-bilanċ finali fir-rigward ta' proġett. Għaldaqstant, b'rabta ma' proġett bħall-iżvilupp ta' sistema ta' mmaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus fil-Litwanja, huwa għall-qorti tar-rinviju li tistabbilixxi dawn l-elementi u fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tagħha sabiex tiddetermina jekk il-programm multiannwali b'rabta ma' dan il-proġett kienx ġie tterminat definittivament fit-30 ta' Ġunju 2013 jew f'data wara

Konklużjoni

125. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta għad-domandi magħmula mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (qorti amministrattiva suprema tal-Litwanja) kif ġej:

(1) Meta tkun ingħatat assistenza finanzjarja Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni għal proġett li:

— ikun jikkostitwixxu miżura eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament;

— kien stabbilit skont deċiżjoni tal-Kummissjoni u Memorandum Finanzjarju li kienu qablu dwarhom il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat; u

— kien twettaq tul perijodu ta' mill-inqas sentejn,

tali proġett jaqa' fil-kunċett ta' programm multiannwali għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea. Għaldaqstant, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju li proġett bħall-iżvilupp ta' sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus, Litwanja, ikun jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, proġett ta' dan it-tip ikun jista' jikkostitwixxi programm multiannwali skont ir-Regolament Nru 2988/95.

(2) Sabiex jiġi ddeterminat kif jopera t-terminu ta' preskrizzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 fil-każ ta' programm multiannwali li jkun jirrigwarda proġett ta' dak li qabel kien l-IPSA irregolat mid-dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni tas-16 ta' Mejju 1994, il-qorti tar-rinviju għandha taċċerta:

— jekk kinitx saret applikazzjoni ammissibbli għal pagament skont l-Artikolu D(5) mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni;

— id-data finali għat-tlestija tax-xogħlijiet u għal pagamenti kif indikat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun tat għajnuna u fil-Memorandum Finanzjarju mehmuż magħha;

— jekk ir-rapport finali meħtieġ mill-Artikolu D(2)(d) ikunx intbagħat lill-Kummissjoni;

— jekk il-perijodu ta' xahrejn stabbilit fl-Artikolu D(5) ta' dan l-anness kienx skada; u

— jekk kienx skada perijodu ta' tliet snin (sakemm ma kienx deċiż mod ieħor skont l-Artikolu G(3) tal-anness) wara l-pagament mill-Kummissjoni tal-bilanċ finali fir-rigward ta' proġett.

Għalhekk, b'rabta ma' proġett bħall-iżvilupp ta' sistema ta' immaniġġar ta' skart għar-Reġjun ta' Alytus fil-Litwanja, huwa għall-qorti tar-rinviju li tistabbilixxi dawn l-elementi u fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tagħha sabiex tiddetermina jekk il-programm multiannwali b'rabta ma' dan il-proġett kienx ġie tterminat definittivament fit-30 Ġunju 2013 jew f'data wara.